



Brussell, 2 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

8441/24

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2024/0074(NLE)**

**FRONT 104**  
**COWEB 44**  
**MIGR 147**

### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn I-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...**

**ta'...**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim  
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja  
dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa  
mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta  
fir-Repubblika tas-Serbja**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2), il-punti (b) u (d), u l-Artikolu 79(2), il-punt (c), flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Approvazzjoni ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/...<sup>2+</sup>, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja (“il-Ftehim”) ġie ffirmat fi ..., suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, f'ċirkostanzi li jirrikjedu l-iskjerament ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta lejn pajiż terz fejn il-membri tat-timijiet ser jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajiż terz ikkonċernat abbażi tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE<sup>4</sup>; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja (ĠU L, ..., ELI: ...).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data ta' adozzjoni li jinsabu fid-dokument ST 8440/24 u imla n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

- (4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (5) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat.
- (6) F'konforma' mat-Trattai, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 22(1) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja (“il-Ftehim”), huwa b’dan awtorizzat f’isem l-Unjoni<sup>5</sup>.

### *Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha, f’isem l-Unjoni, tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 22(1) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tinrabat bil-Ftehim<sup>6</sup>.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>5</sup> It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ... [ĠU: jekk jogħġgbok daħħal id-dettalji ta’ pubblikazzjoni għall-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 8447/24].

<sup>6</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tīgi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.